# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 30 TA' JANNAR, 2000

*Avviz. Nru 1557/00 AJD*

Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Paul Micallef u Paul Micallef

vs

David Spiteri

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm168.22) dovuti bhala danni kagunati f'incident stradali li gara f'Tower Road, f'Tas Sliema, fil-21 ta' Marzu, 1999, ghall-habta tal-15:45 p.m., meta l-vettura numru ta' registrazzjoni mhux maghruf u ta' ghamla Alfa Romeo 33 misjuqa mill-konvenut habtet gol-vettura numru ta' registrazzjoni EBC 632, propjeta' ta' Paul Micallef, u dana minhabba traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju, 2000, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' David Debono rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici u ta' Paul Micallef li xehed dwar id-dinamika tal-incident mertu tal-kawza. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-21 ta' Marzu, 1999, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm168.22) bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju, 2000, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Mejju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR